**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 107/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 27**

**GRC Car Rentals Limited (C72346) li b'digriet ta' dan it-Tribunal tat-12 ta' Ottubru, 2017 isem is-socjeta' attrici gie sostitwit bl-isem " Surprise Car Rentals Malta Limited"**

**vs**

**Feras Ben Saoud (Pass Libjan 221575)**
**208/1,Tower Road,**
**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-06 ta' Marzu, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta'disa' mitt ewro (€900) dovuta in konnessjoni ma' kera ta' karozza tal-ghamla Ford Fiesta mikrija mis-socjeta' attrici lil konvenut fuq ordni tal-istess konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-awtorizzazzjoni ta' dan it-Tribunal moghtija fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017 sabiex isem is-socjeta' attrici jigi sostitwit bl-isem 'Surprise Car Rentals Malta Limited' stante li fil-mori inbidel l-isem tas-socjeta' attrici.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mitt ewro (€900) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 12/17 jew mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, liema wahda tigi l-ewwel, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 12/2017 u tal-mandat ta' sekwestru numru 7/2017 huma a kariku tal-konvenut .

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**